MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 244/2011

Il-Pulizija

[Spettur Jesmond Borg]

Vs

Nathalie Felice

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellanti Nathalie Felice, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) Nhar is- 17 ta' Mejju 2011, ghall- habta tas-2.00pm, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla, bi vjolenza u b' theddid gieghelet lis- Surgent tal-Pulizija 440 Kenneth Vella Gregory u l- Kuntistabbli tal- Pulizija 315 Lisette Agius, bhala Ufficjali Pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x' taqsam mall- kariga taghhom;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l- persuna tas- Surgent 440 Kenneth Vella Gregory u l- Kuntistabbli tal- Pulizija 315 Lisette Agius, bhala persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl- esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' Ordni mghoti skont il- Ligi mill- Awtorita' kompetenti;

3) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla volontarjament ikkawzat griehi ta' natura hafifa fuq il- persuna tal- Kunstitabbli tal- Pulizija 315 Lisette Agius, bhala persuna karigata skont il- Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienet qed tagixxi ghall- ezekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni mghoti skont il- Ligi minn awtorita' kompetenti, skont kif iccertifikat minn Dr. Kevin Grech MD mic- Centru tas- Sahha ta' Bormla;

4) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala Bormla, ma obdietx l- ordnijiet Legittimi tal- awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma hallietx jew fixklet waqt li l- Pulizija kienu qed jaghmlu d- dmirijiet taghhom;

5) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fil- fond 5, Fuq Verdala, Bormla ikkawzat hsara volontarja, cioe' billi kisret l- arlogg tal- polz, tad- ditta Adidas, tas- Surgent tal- Pulizija 440 Kenneth Vella Gregory, liema hsara teccedi €23.29 izda mhux izjed minn €116.47 ghad- dannu tal- istess Surgent ;

6) Talli fl- istess data, hin, lok hebbet kontra l- persuna ta' ohtha Ritienne Felice sabiex tingurja jew taghmel hsara lill- istess;

7) Barra minn dan akkuzata wkoll talli fl- istess cirkostanzi, filwaqt li kienet fl- inhawi ta' Fuq Verdala, gewwa Bormla, volontarjament kisret il- bon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied;

8) Aktar talli saret recidiva ai termini tal- Artikolu 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula;

9) Barra minn ekk kisret ordni ta' Probation mghotija mill- Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fl- 14 ta' April 2010;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Mejju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat li rat l- Artikoli 91, 96, 221, 338 (ee), 325

(c), 338 (dd), 339 (1) (d) u 338 (bb) tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta. Fuq ammissjoni sabet lill- imputata hatja u ikkundannatha sena prigunerija ghar-reat mertu ta' din il-kawza; Kif ukoll wara li rat l-Ordni ta' Probation datata 14 ta' April 2010, sabitha hatja li kisret l-istess Ordni u ghaldaqstant trattat maghha ghar-reat hemmhekk misjuba hatja u ikkundannatha ghal sena prigunerija. Ghalhekk b'kollox giet kkundannata ghal terminu ta' sentejn prigunerija; Fl-ahhar lok il-Qorti ghamlet rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva biex l-imputata tinghata l-ghinuna kollha necessarja biex tattendi ghal programm ta' rijabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga. Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nathalie Felice pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Mejju, 2011 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata dwaqr ir-rejita` billi ssiha hajta tar-reat taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali peress illi kollox jinkwadra taht l-artikolu 95 tal-Kodici Kirminali, u r-reat kollha huma komprizi u nvoluti fl-istess, u tilliberaha mill-akkuza li legalment ma jirrizultawx u minflok il-piena nflitta taghti piena li aktar taghmel ghal kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti Nathalie Felice illi huma is-segwenti :

Dwar il-htija.

Jinghad illi l-Qorti semghet ix-xhieda. Minn dan kellu jirrizulta li –reat tal-attak u resistenza ma kienx jirrizulta ghax il-pulizija ma kellhomx ordni moghtija lilhom x'jesegwixxi. Hemm differenza bejn nuqqas ta' ubbidjenza lejn il-pulizija u r-reat tal-attakk u resistenza. Jew ukoll taht l-artikolu 91 tal-Kodici Kriminali.

Ghalkemm persuna tammetti, specjalment meta ma tkunx akkumpanjata fil-proceduri mill-avukat ta' fiducja taghha, jgib fuq il-Qrati l-obbligu li l-ammissjoni tal-fatti jridu jinkwadraw fil-qafas legali. Imputat jammetti l-fatti mhux il-ligijiet jaqghu tahthom. Dwar il-ligi l-Qorti hija suprema, u l-anqas l-ufficjali prosekutur li normalment izid halli ma jhalli xejn barra. L-istorbju, perezempju, fid-dar privata ma jwassalx ghall-ksur tal-pacei pubblika. U hekk ghandu jinghad ghar-reati l-ohra.

F' dan il-kaz ma jirrizultax li meta l-pulizija kellmuha lill-imputata, kien hemm kuntatt ma avukat ta' fiducja taghha. L-uniku kuntatt kien meta kienet se titressaq.

Dwar il-piena.

Ghandu jingha li l-Qorti tal-Magistrati uriet certa preokkupazzjoni dwar l-imputata. F' dan il-kaz, dak li beda l-istorja kollha ma kienx hamm. Hija kienet xorbot u mhux kienet fid-droga. L-allarma ta' ohtha baqghet sejjer fuq kulhadd u jagheti allarm lil kulhadd.

Il-kwestjoni hija jekk fic-cirkostanzi s-soluzzjoni tinstabx fil-habs. Dan hu argumentabbli ghall-ahhar. Sfortunatament il-habs huwa bejta ghall-istess problema li dwarha suppost in-nies jinbaghtu biex jehilsu minn problema. Il-kaz ta' droga fil-habs mhux xi sorpriza fuq l-orizzont tal-istejjer li nisimghu.

Ghalhekk waqt li wiehed japprezza l-preokkupazzjoni tal-Qorti, mhux necessarjament twassal ghal-rizultat mehtieg, jekk dan hu l-kaz bhalissa.

Il-piena globalment kienet gravuza. Dan kien incident fejn persuna kienet fis-sakra d-dar, u ma kenitx qed titkessah barra. Kienet rieqda.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sbatax (17) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tas-saghtejn ta' waranofsinhar (2.00 p.m.) l-appellanta Nathalie Felice kienet id-dar taghha numru 5, Fuq Verdala, gewwa Bormla, mitlufa minn sensiha. Meta ohtha Ritienne sabitha f'dak l-istat, b'siringi fuq il-kommodina magenb is-sodda fejn kienet l-appellanta, gieha suspett illi l-appellanta setghet kienet qed tbaghti minn xi overdose u ghalhekk cemplet lill-pulizija ghall-assistenza. Waslu fuq il-post PS 440 Kenneth Vella Gregory u l-kuntistabbli Lysette Agius. Ippruvaw iqajmu lill-appellanta u meta qamet marret thebb mal-ewwel ghal ohtha Ritienne. Bdew jitlewmu ghax Ritienne qalet li fid-dar kien hemm it-tfal taghha u ma kienx sew illi l-appellanta ggib ruhha b'dak il-mod. Meta s-surgent ra lill-appellanta qed thebb ghal ohtha Ritienne intervjena biex izomm lill-appellanta, izda l-appellanta hawnhekk infexxet ukoll ukoll fis-surgent u kissret l-arlogg tieghu. F'din it-taqbida l-appellanta girfet lil WPC 315 Lysette Agius. Kien ghalhekk illi sussegwentement l-appellanta giet imressqa l-Qorti sabiex twiegeb ghall-akkuzi in konnessjoni ma' dan il-kaz inkluz il-ksur ta' ordni ta' probation moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke fl-erbatax (14) ta' April tal-elfejn u ghaxra (2010). Fl-ewwel seduta tat-tmintax (18) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) l-appellanta debitament assistita, ammettiet l-akkuza u l-Qorti ghaddiet minnufih biex taghi s-sentenza u ikkundannat lill-appellanta ghal sena prigunerija ghal dan il-kaz kif ukoll sena ohra ghall-ksur tal-probation.

L-appellanta hassitha aggravata b'din is-sentenza u minnha interponiet appell fejn l-aggravju principali taghha kien ghall-fatt illi waqt il-prezentata meta hija ammettiet l-akkuza ma kinitx assistita minn avukat tal-fiducja taghha u di più l-Qorti kellha obbligu illi tara illi l-ammissjoni tal-fatti jridu jinkwadraw fil-qafas legali. Dan

ghaliex, argumentat, illi hemm differenza bejn nuqqas ta' ubbidjenza lejn il-pulizija u r-reat tal-attakk u rezistenza.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-appellanta mhiex xi novella ghal dawn il-qrati. Minn ezami tal-fedina penali taghha jidher illi mhuwiex l-ewwel darba illi l-appellanta kisret difirha mal-ligi u ghalhekk taf sew x'inhuma l-proceduri u xi tfisser ammissjoni fi stadju bikrija. Dakinhar tat-tmintax (18) ta' Mejju tal-elfejn u hdax (2011) l-appellanta kienet assistita minn avukat li taf sew x'inhuma r-responsabiltajiet taghha u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex dubju illi bejn l-appellanta u l-avukat kien hemm komunikazzjoni siewja u l-appellanta fehemet sew x'inhuma l-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Martin J. Camilleri" moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar 1995 il-Qorti qalet, "fuq ammissjoni tal-imputat, qorti ma tistax hlief tghaddi ghal kundanna tieghu, ammennoche ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li huwa hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skont il-ligi tikkundannah, cioé ssibu hati ta' reat." Kif già inghad ma hemm l-ebda prova illi l-appellanta ma fhemitx in-natura tal-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni taghha li tammetti l-akkuzi. Il-fatti ammessi mill-appellanta jinkwadraw f'reat, kwindi l-Qorti ma kellhiex haga ohra illi tghaddi ghas-sentenza kif fil-fatt ghamlet. U ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti irriflettiet fit-tul dwar il-kaz partikolari tal-appellanta. Mill-bidu nett l-appellanta ma kellhiex xi trobbija facli. L-ambjent ta' fuq Verdala, f'Bormla, mhuwiex wiehed konducibbli ghat-trobbija tat-tfal kif suppost. Zgur però illi l-appellanta telghet "streetwise" li ghenietha tissopravvivi f'dak l-ambjent. Però tajjeb jew hazin kellu l-effett fuqha tant illi ta' hdax-il sena bid-dwejjaq illi kellha kienet digà qed tesperimenta bil-kannabis. Maz-zmien l-appellanta bdiet tikser difrejha mal-ligi aktar u aktar fuq kwistjonijiet ta' droga illi bdiet tkun dipendenti fuqha. Madankollu l-qrati dejjem kienu disponibbli favur l-appellanta u minn zmien ghal zmien dejjem tawha opportunità sabiex tirriforma ruhha jew inkella tpoggiha taht probation biex tigi gwidata ghall-ahjar interess taghha. L-appellanta però ghandha karattru daqsxejn difficli u ta' rasha u mhux facli illi taccetta pariri ta' haddiehor. Tant hu hekk illi kien hemm relazzjoni difficli bejnha u l-probation officer Carmen Nygaard illi giet appuntata proprju minn din il-Qorti biex tirrelata dwar il-kondizzjoni tal-istess appellanta u kemm din tista' tkun disponibbli ghal aktar ghajnuna professjonali minn agenziji apposita. Jidher però illi l-appellanta ma ikkoperatx mal-probation officer kif ukoll ma' professjonisti ohra tal-Caritas u tas-Sedqa illi kienu gew appuntati proprju biex jghinu lill-istess appellanta. Din hadet "a rollercoaster approach" ghall-problema tad-droga illi

ghandha – taghmel zmien tikkopera mal-awtoritajiet, imbaghad terga' taqa' ghall-istess problema fejn kienet qabel. Però l-ghar hu illi ma jidhirx illi iddispjaciha illi waqghet lura fil-problemi illi kellha. Dan wassal lill-probation officer tikkonkludi illi "ghalkemm kien hemm diversi attentati biex tirriforma hajjitha, ma kienx hemm ir-rieda li teghleb il-vizzju tad-droga ... Jidher illi l-appellanta dejjem irrifjutat li tindirizza l-problema tad-droga bis-serjetà u l-indikazzjonijiet huma li hija ghadha qed tabbuza mid-droga."

Din il-Qorti ma tiehux gost tisma' kummenti bhal dawn ghax thoss illi jkollha idejha marbuta u ma tistax tuzufruwixxi minn xi "window of opportunity" illi jista' jinfetah favur il-persuna koncernata. Meta jkun hemm disponibiltà u rieda tajba l-Qorti dejjem izzomm miftuhin it-twieqi ghall-bidla u ghall-progress li dik il-persuna tkun tixtieq timmanifesta. Izda f'dan il-kaz, l-appellanta qieghda taghlaq hi stess dawn l-opportunitajiet u ma jistax ikun illi cirkostanza wara ohra l-Qorti takkorda opportunitajiet u jigu appuntati nies professjonali biex jghinu lill-appellanta meta din stess ma trid lil hadd milli jghinha u trid tibqa' tghix hajjitha kif jidhrilha illi ghandha taghmilha hi. Hemm limitu sa fejn dan jista' jigi tollerat u jekk din il-hajja se ggibha in konfront mal-ligi allura m'ghandhiex tippretendi illi l-ligi se toqghod "bent over backwards" biex takkomoda lill-appellanta.

Fil-mori ta' dan l-appell il-Qorti tawlet il-kawza kemm jista' jkun biex taghti cans lil nies professjonisti illi jghinu lill-appellanta u forsi johorguha minn dan il-vizzju jew cirku vizzjuz illi dahlet fih izda kien kollu ghalxejn u l-appellanta uriet illi hija ma tridx tiehu l-ghajnuna ta' dawn in-nies professjonisti. Anke l-imgieba taghha fil-Qorti fejn ripetutament tinterrompi lill-istess avukat taghha jew lin-nies li jkunu qeghdin jixhdu turi illi l-appellanta mhiex persuna illi lesta tiehu l-pariri ta' dak li jkun u trid bilfors taghmel ta' rasha. Ta' dan ir-responsabiltà hija esklussivament tal-appellanta u m'ghandhiex aktar tippretendi trattament bl-ingwanti minn dawn l-qrati.

Ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fl-argumenti u l-konkluzjoni taghha kemm ghal ghal dak li jirrigwarda l-meritu kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-istess rakkomandazzjoni illi ghamlet l-ewwel Qorti fl-gheluq tad-decizjoni taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------